# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 15.8.10: SOLENNITA' TAL-VERĠNI MARIJA MTELLGĦA S-SEMA. (Santa Marija)**
Xieraq li llum, barra milli nqaddsu din il-ġurnata bil-quddiesa, nagħmlu xi tip ta' qima speċjali lejn Ommna Marija li tant għamlet ma' pajjiżna.

**IT-TLIETA, 17.08.10: PELLEGRINAĠĠ GĦAL MALTA**
**Fil-4.30p.m.** Titlaq ix-xarabank mill-Pjazza tal-knisja. Dawk kollha li se jieħdu sehem huma mitluba li jkunu fil-ħin u jġibu magħhom l-Karta ta' l-Identita'. Se mmorru fil-Parroċċa ta' Stella Maris tas-Sliema. Ikun hemm quddiesa minn Mons Isqof Mario Grech, u niġu lura mal-vapur tal-9.45p.m.

**Il-ĦAMIS, 19.08.10:** Tifkira tad-Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima.
**Fis-7.00p.m.** Quddiesa bl-omeilja dwar id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima u li tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca.

**IL-ĠIMGĦA, 20.08.10: Fis-7.30p.m.** Se ssir PASTA NIGHT, organizzat mill-Kumitat Festi Esterni ta' Santa Margerita. Dan se jsir fil-ground ta' l-Iskola Primarja.

**IS-SIBT, 21.08.10: Fis-6.45p.m.** Titlaq ix-xarbank mill-pjazza tal-knisja għal dawk li se jieħdu sehem fl-Adorazzjoni għal Persuni Kkonsagrati li dan ix-xahar se ssir fil-parroċċa tal-Katidral.

**IL-ĦADD, 21.08.10: IL-WIEĦED U GĦAXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

**Il-FAMILJA** hija Knisja tad-dar fiċ-ċokon, Santwarju tal-ħajja, u Mixtla tal-vokazzjonijiet.

## Fondazzjoni Arka

Se jsir SALE B'DIFFERENZA f'showroom Triq George Borg Oliver ir-Rabat li se jkun b'risq il-Fondazzjoni Arka
Dan se jkun f'dawn il-ġimgħat u l-ħinijiet se jkunu bejn it-8.00a.m. u nofs inhar u mill-4.oop.m. Sas 7.00p.m.

## MILL-UFFIĊĊJU TAL-CARITAS

L-Uffiċċju tal-Caritas fil-Kurja ta' l-Isqof javża li waslet kunsinna ta' prodotti ta' l-ikel ġejjin mill-Unjoni Ewropeja.
Jistgħu jiġbru dawn il-prodotti: A) Dawk li ġew approvati mill-Ufiċċju tas-Servizzi Soċjali wara li mlew l-formula apposta mogħtija mill-Uffiċċju tal-Caritas, fil-Kurja.
B) dawk kollha li fil-familja għandhom xi persuni b'diżabilita'
C) dawk il-koppji li fil-familja għandhom minn tliet itfal 'l fuq li ma jaħdmux.
D) dawk li huma riservati bħala każijiet soċjali, approvati mill-Uffiċċju Caritas.
It-Tqassim se jsir min-nhar it-Tnejn, 13 sa nhar il-Ġimgħa 17 ta' Settembru mit-8.30a.m. Sal-11.00a.m.
Dawk li huma intitulati li jiġbru, iġibu magħhom l-Karta tal-Identita'.
Dawk l-oħrajn li jixtiequ jafu jistgħux ikunu intitulati, huma mituba jiġbru informazzjoni mill-Uffiċċju tal-Caritas fil-Kurja, nhar ta' Tnejn, nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa, mit-8.30a.m. Sal-11.00a.m.

## MILL-PASTORALI TA' L-ISQOF MARIO GRECH

*Hemm ukoll faqar tal-karattru. Karattru li mhux mibni sewwa, facli jharbat in-nisga tar-relazzjonijiet mal-ohrajn fil-familja, fuq ix-xoghol, fil-komunita', u l-bqija.*
*Hafna drabi t-tiswir tal-karattru jiddependi mill-formazzjoni li wiehed jircievi jew li jibqa' ma jircevix fi tfulitu.*